Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Numru 9/2014

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Giovanna sive Jane Catania u l-istess assikurata Giovanna sive Jane Catania (340554M)**

**vs**

**1.Gilbert Grima; 2.Ruth Zammit f'isem u in rapprezentanza ta' binha minorenni Niko Zammit; u 3. Waqt is-smiegh tal-arbitragg interveniet *in statu et terminis* is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited, assikuratrici tal-vettura tal-intimat Gilbert Grima**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016.

Il-Qorti,

Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Lulju 2010 fil-Gudja meta sehh incident bejn vettura JUL 153 li kien qieghed isuq Niko Zammit u proprjeta ta' Gilbert Grima, u l-vettura MIL 382 li kienet qeghda ssur Milaine Fabri u proprjeta tal-appellata Catania.

Fil-*lodo* oggett tal-appell gie deciz:

*"1. Jilqa' l-ewwel talba billi jsib lill-intimati Gilbert Grima u Niko Zammit responsabbli solidalment bejniethom ghall-incident.*

*2. Jiddikjarahom responsabbli solidalment bejniethom ghall-hlas tad-danni fis-somma ta' EUR 2,900 lil Untours Insurance Agents Ltd. Billi jirrizulta li Untours hallset ammont ikbar cjoe' ta' EUR 4,100 lill-assikurata taghha, m'huwiex il-kaz li din tigi rifuza l-excess billi effettivament diga' thallset tieghu.*

*3. Tikkundannahom ihallsu solidalment bejniethom l-istess somma ta' EUR 2,900 lil Untours Insurance Agents Ltd bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dawn il-procedura sad-data tal-hlas effettiv kif ukoll l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontra GasanMamo Insurance Ltd ta' Novembru 2010.*

*B'dan illi Gilbert Grima jigi ezentat minn kull responsabilita' kemm-il darba fi zmien hmistax-il jum min-notifika lilu ta' dan il-lodo ma jipprezentax kopja awtentikata tar-rapport tal-pulizija li juri ghas-sodisfazzjoni tal-Arbitru li r-rapport dwar is-serqa sar **gabel** id-data u l-hin tal-habta tas-suggett ta' dan l-Arbitragg."*

GasanMamo Insurance Limited, kumpannija assiguratrici tal-vettura Daewoo Racer JUL 153, appellat mid-decizjoni u talbet lill-qorti sabiex tirriforma l-*lodo* tal-25 ta' Marzu 2014 fis-sens illi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-intimat appellat Niko Zammit (illum maggorenni) responsabbli ghall-incident *de quo;*

2. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illikwidat id-danni sofferti mir-rikorrenti appellati fl-ammont ta' elfejn u disa' mitt Euro (€2,900), u kkundannat lill-appellat Niko Zammit sabiex ihallas din is-somma ta' danni lill-istess rikorrenti appellati;

3. Tirrevedi l-kwistjoni ta' jekk l-intimat appellat Gilbert Grima jahtix jew le ghall-incident *de quo,* u tiddeciedi l-arbitragg f'dan is-sens;

4. Thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn issoggettat id-decizjoni ghal prova futura illi ghad tista' titressaq mill-intimat appellat Gilbert Grima; u taqta' u tiddeciedi dan il-kaz biss abbazi tal-provi prodotti in atti.

Gilbert Grima wiegeb (fol 21) li d-decizjoni appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata, bl-ispejjez kollha jmorru kontra l-appellanti.

Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016 il-Qorti ddifferiet l-appell ghas-sentenza.

**Fatti fil-qosor.**

Din il-kawza tirrigwarda incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Lulju 2010 gewwa l-Gudja, bejn il-vettura JUL 153 li kien qieghed isuq Niko Zammit u l-vettura MIL 382 li kienet qeghda ssuq Milaine Fabri u assikurata ma' Untours Insurance Agents Limited. GasanMamo Insurance Limited hi l-assikuratrici tal-vettura tal-JUL 153, proprjeta ta' Gilbert Grima.

**Aggravji.**

L-aggravji huma:

i. *"Illi b'mod preliminari, jirrizulta illi hemm lok ghal korrezzjoni fl-okkju tal-arbitragg u dana fis-sens illi mkien ma huma msemmija l-"insurance principals" tas-socjeta' Untours Insurance Agents Limited – li bhalma jixhed isimha stess, hija agenta ghal socjeta' assikuratrici ohra, u ma ghandha l-ebda awtorizazzjoni jew licenzja sabiex tohrig poloz assikurattivi f'isimha f'Malta, izda biss ghan-nom ta' QIC International LLC. Kwindi u sakemm issir tali korrezzjoni, jirrizulta pacifikament illi s-socjeta' Untours Insurance Agents Limited ma ghandha l-ebda interess guridiku f'dawn il-proceduri, u ghalhekk l-arbitragg huwa ghal kollox null u bla effett; u l-intimati ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ta' dan l-arbitragg kontra r-rikorrenti appellati."* [fol 2-3].

ii. *"-Id-decizjoni tal-arbitru hija ultra petita, in kwantu ddecieda fuq il-kwistjoni tas-serq tal-vettura o meno, minghajr ma kien mitlub mir-rikorrenti appellati, jew minn kwalsiasi parti ohra sabiex jidhol f'din il-kwistjoni;*
*-Id-decizjoni tal-arbitru hija kontradittorja u tmur kontra l-principji bazici tal-procedura, il-ghaliex hija soggetta illi tinbidel kompletament jekk l-intimat appellat iressaq prova wara illi effettivament il-gbir tal-provi f'dan il-kaz inghalaq definittivament. In effetti, kieku din it-tip ta' decizjoni kondizzjonali kienet accettabbli, id-drittijiet tal-partijiet kif sanciti fl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem) kienu jkunu serjament ippregudikati."* [fol 4]

## **Konsiderazzjoni.**

1. **L-ewwel aggravju**: L-okkju tad-decizjoni taqra *"Untours Insurance Agents Limited C5655 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Giovanna sive Jane Catania u l-istess assikurata Giovanna sive Jane Catania (ID 0340554M)."*

2. L-okkju tal-avviz tal-arbitragg hu identiku.

3. Ma jirrizultax li waqt l-arbitragg, l-appellanti argumentat li s-socjeta appellata m'ghandhiex *locus standi*. F'dan ir-rigward issir riferenza ghat-twegiba mehmuza mar-rikors li bih talbet l-awtorizazzjoni sabiex tintervjeni, fejn ma nghatatx eccezzjoni f'dan is-sens.

4. Inoltre, l-appellanti ma talbet u ma ressqet l-ebda prova biex tissostanzja dan l-aggravju[1]. L-isem tas-socjeta appellata (Untours Insurance Agents Limited m'hijiex prova li l-appellata m'ghandhiex interess guridiku).

---

[1] Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, meta l-appell gie differit ghas-sentenza, hadd m'attenda in rapprezentanza tas-socjeta appellanti.

5. **Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju hu michud**.

6. Fir-rigward **tat-tieni aggravju**, il-qorti tosserva:

6.1 Il-qorti tibda biex tosserva li ma taqbel xejn mal-appellanti li d-decizjoni tal-arbitru hi *ultra petita*. L-arbitru kellu jiddeciedi jekk Niko Zammit kienx responsabbli, irrispettivament jekk ipprezentax twegiba jew le. Ladarba fl-okkorrenza tal-incident kien jinghad li l-vettura JUL 153 kienet insterqet minn Niko Zammit, din kienet materjali meta l-arbitru gie biex jiddeciedi kienx hemm responsabbilta jew le. L-Arbitru kellu jiddetermina jekk effettivament kienx hemm prova sodisfacenti li l-vettura ta' Grima nsterqet, liema fatt jekk veru seta jwassal biex jigi ddikjarat li Grima mhuwiex responsabbli ghad-danni. **Ghaldaqstant, l-ewwel ilment tat-tieni aggravju hu michud**.

6.2 Ma taqbel xejn mal-mod kif l-Arbitru fassal l-ahhar paragrafu tal-parti dispozittiva tad-decizjoni. L-Arbitru kellu jiddeciedi l-kawza b'mod defenittiv a bazi tal-provi li ngabru sas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012[2], u mhux ighid li Gilbert Grima hu responsabbli ghall-incident:

*"B'dan illi Gilbert Grima jigi ezentat minn kull responsabbilta kemm-il darba fi zmien hmistax-il jum min-notifika ta' dan il-lodo, ma jipprezentax kopja awtentikata tar-rapport tal-pulizija li juri ghas-sodisfazzjon tal-Arbitru li r-rapport dwar is-serqa sar qabel id-data u l-hin tal-habta soggett ta' dan l-Arbitragg."*

Decizjoni trid tkun **finali** a bazi tal-provi li jkun hemm fl-atti u mhux soggetta ghal xi provi li jigu pprezentati wara. Mill-ahhar paragrafu tad-decizjoni qiesu jinghata x'jifhem li l-arbitru kellu jaghti xi ordni ohra biex jikkonferma jekk dak li jinghad fil-konfront ta' Grima f'paragrafu 1 tal-parti dispozittiva tas-sentenza, jibqax isehh. Dan m'ghandux ikun.

6.3 Mill-ftit provi li tressqu, rrizulta li meta sehh l-incident Niko Zammit kien ghadu minorenni. M'hemmx dubju li Zammit hu responsabbli ghall-incident in kwantu l-vettura Daewoo Racer baqat diehla head on fil-vettura tal-appellata Catania. Fl-okkorrenza tal-pulizija,

[2] Is-seduta li fiha deheru d-difensuri kollha tal-partijiet u l-arbitru gie awtorizzat jghaddi ghad-decizjoni.

Zammit ta din il-verzjoni: *"Jien kont gej minn Hal Far direzzjoni lejn l-ajruport internazzjonali ta' Malta. Jiena kont gej daqsxejn b'sahhti u sabiex ma nolqotx lil ta' quddiemi mort fuq in-naha l-ohra tat-triq b'konsegwenza li hbatt ma' vettura b'numru ta' Reg: MIL-382 li kienet gejja mid-direzzjoni opposta."* Sahansitra giet prezentata sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Nico Zammit (ID 170193M)** minn fejn jirrizulta li Zammit ammetta li fit-30 ta' Lulju 2010 fi Triq l-Avjazzjoni, Gudja saq il-vettura JUL 153 b'mod perikoluz u li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Il-qorti sabitu hati tal-akkuzi u kkundannatu jhallas multa ta' €200 u skwalifikatu milli jkollu licenzja ghall-perjodu ta' sentejn.

6.4 Ghal dak li jirrigwarda l-appellat Gilbert Grima li kien is-sid tal-vettura Daewoo Racer, ladarba Zammit kien ghadu minorenni ma kienx kopert mill-polza ta' assikurazzjoni li harget is-socjeta appellanti. Fl-okkorrenza tal-pulizija jinghad:

*"Minn aktar stharrig li sar min-naha tal-pulizija rrizulta wkoll illi l-vettura koncernata f'dan l-incident cioe'* ***JUL-153 misjuqa minn Niko Zammit kient giet misruqa mill-Gzira qabel sehh dan l-imsemmi incident****. B'riferenza ghal din is-serqa please vide PIRS REPORT 6/L/2241/2010."*

6.5 Fil-fehma tal-qorti l-Arbitru, jekk ried jaccerta ruhu li r-rapport sar qabel l-incident, kellu l-awtorita li jordna li kopja tar-rapport 6/L/2241/2010 tigi pprezentata qabel jaghti d-decizjoni. Ovvjament ma kellu l-ebda dmir li jaghmel tali accertament. Il-provi jitressqu mill-partijiet. Jekk xi parti taghzel li ma tihux il-process bis-serjeta, wara d-decizjoni ma tistax tilmenta. F'dan il-kaz kien hemm ukoll nuqqas serju min-naha tal-appellanti milli tipprezenta kopja tal-imsemmi rapport[3], minkejja li fl-okkorrenza tal-incident tat-traffiku jinghad li fil-5 ta' Awissu 2010 inghatat kopja tar-rapport tas-serqa.

6.6 Il-qorti taqbel mal-Arbitru, li kienet rilevanti l-prova dwar id-data u l-hin li Grima rraporta l-allegata serqa. F'dan ir-rigward l-Arbitru qal:

[3] Kopja tar-rapport intbaghatet mid-difensur ta' Grima wara d-decizjoni tal-Arbitru minn fejn jirrizulta li r-rapport sar fit-30 ta' Lulju 2010.

*"Gilbert Grima, sid il-karozza, ma ndenjax jidher biex jiddefendi ruhu quddiem l-arbitru. L-arbitru, ghalkemm ghandu prova li l-karozza giet irraportata bhala misruqa, m'ghandu l-ebda prova jekk dan ir-rapport sarx qabel jew wara li sehhet il-habta.* ***Hija facli ghal sid il-vettura li wara li sehhet il-habta, jirraporta li l-karozza nsterqet biex jiskolpa ruhu mir-responsabbilta. Ghalhekk l-Arbitru huwa tal-fehma li Gilbert Grima ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident*** *purke' ma jgibx prova kuntrarja kif sejjer jigi statwit fil-parti deciziva tal-lodo."*

Ovvjament tali prova kellha ssir minn Grima, jekk ried jikkonvinci lill-Arbitru li dik il-verzjoni kienet il-verita. F'dan ir-rigward l-uniku prova li kien hemm sa-data tad-decizjoni, kienet l-okkorrenza tal-incident, fejn kien jinghad li minn stharrig kien irrizulta li l-vettura nsterqet qabel sehh l-incident. Pero' kien korrett l-Arbitru li ma qaghadx fuq dik is-semplici dikjarazzjoni. Fejn il-qorti ma taqbilx mal-Arbitru hu li ta lil Grima l-opportunita' li jressaq prova addizzjonali wara nghatat id-decizjoni, u dan sabiex ikun jista' jiskolpa ruhu. Fil-fehma tal-qorti l-Arbitru kellu jiddeciedi a bazi tal-provi li kellu quddiemu, u fuq dawk il-provi m'hemmx dubju li Grima kellu jinstab responsabbli wkoll ghad-danni.

6.7 Mir-rapport li ghamel Grima dwar l-allegat serqa tal-vettura, il-qorti fehmet li kien biss wara l-incident li mar jirraporta lill-pulizija li Zammit seraqlu l-vettura. Fil-fatt fir-rapport jinghad li Grima qal:

*"ghal habta tas-18.15 HRS certu Niko Zammit gie d-Dar tal-kwerelant fejn inqala' argument zghir u wara xi nofs siegha telaq 'il barra. Ghal habta tals-19.30 Grima Gilbert hareg fil-gallarija u nduna li l-karozza tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JUL 153 ta ghamla Daewoo Racer ma kinitx qieghda quddiem il-bieb. Il-kwerelant mar jiccekja c-cwievet tal-karozza u ra li ma kinux qeghdin hemm. Huwa mal-ewwel induna li kien Niko li hadlu c-cavetta u li seraqlu l-imsemmija karozza. Il-kwerelant baghat messagg lil Niko biex igieblu l-karozza lura, izda ghal habta tal-21.00 hrs il-kwerelant ircieva telefonata minghand Niko minn fuq mobajl ta certu Patrick Mercieca fejn dan stqarr li kien issellef da nil-mobile biex javza lill-kwerelant li kien habit bil-vettura tieghu"*

Il-qorti mhi konvinta xejn li dan kien kaz ta' serq, irrispettivament minn dak li jinghad fl-okkorrenzi tal-pulizija. Grima kellu l-obbligu li jaghti prova li fil-fatt il-vettura tieghu nsterqet, u b'hekk jiskolpa ruhu minn kull responsabbilta. Mhux bizzejjed li jirreferi ghar-rapport. Gialadarba l-oneru tal-prova kienu fuqu, jekk ir-rapport kien genwin kellu kull interess li jixhed fil-proceduri quddiem l-arbitru.

6.8 Jekk Zammit verament seraq il-vettura ta' Grima, il-qorti tistenna li r-rapport lill-pulizija kien isir minnufih hekk kif Grima qal li nduna li nsterqet il-vettura. Minflok fir-rapport jinghad li Grima qal lill-pulizija li baghat SMS lil Niko Zammit biex jirritorna l-vettura. Dan mhux atteggament normali ta' vittma ta' serqa, irrispettivament kienx jaf jew le lill-allegat halliel.

6.9 Mill-istess okkorrenza, il-qorti fehemet li r-rapport tas-serqa dahal wara li sehh l-incident, meta tqies:

6.9.1 Fir-rapport jinghad li *"Illum 30/07/2010 ghal habta* ***tal-21.10 hrs*** *Grima Gilbert gie jaghmel rapport….."* F'dak il-hin l-incident tat-traffiku kien diga' sehh.

6.9.2 Li kieku r-rapport tas-serqa sar qabel l-incident u wara Grima rcieva telefonata minghand Zammit biex jinformah bl-incident tat-traffiku, probabilment Grima kien jerga' jmur l-ghassa tal-pulizija u jsir *update* tar-rapport billi jizdied li l-vettura nstabet u kienet involuta f'incident tat-traffiku. Minn dan kollu m'hemm xejn.

6.9.3 Dak li jinghad fir-rapport. Ghall-qorti hu evidenti li waqt li kien qieghed jaghmel ir-rapport, Grima kien diga' nfurmat bl-incident tat-traffiku.

6.9.4 Minn ebda parti tal-okkorrenza ma jirrizulta li t-telefonata li Grima rcieva minghand Zammit saret proprju waqt li kien qieghed jaghmel ir-rapport li nsterqitlu l-vettura.

6.10 Ghaldaqstant, **f'kull kaz** ma gietx sodisfatta l-kundizzjoni mposta mill-Arbitru sabiex Grima ma jkunx solidalment responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Lulju 2010 gewwa Triq l-Avjazzjoni, Gudja[4]. Ghalhekk Grima jibqa' solidalment responsabbli.

6.11 Hu veru li fl-okkorrenza hemm rapportat li Zammit kien ammetta li seraq il-vettura. Pero' dwar l-allegat serq la Grima u lanqas Zammit[5] ma xehedu quddiem l-arbitru. Wiehed irid jiftakar li Zammit u Grima kienu hbieb[6].

---

[4] Kif rajna, fil-parti dispozittiva l-Arbitru qal li biex Grima ma jkunx responsabbli kellu jirrizulta li *"… r-rapport dwar is-serqa sar* ***qabel*** *id-data u l-hin tal-habta suggett ta' dan l-Arbitragg."*

[5] Zammit iddikjara li ma kienx ser iwiegeb minhabba li jista' jinkrimina lilu nnifsu. Pero' din m'hijiex prova li seraq il-vettura.

[6] *"Il-karozza li kont qed insuq kient ta'* ***siehbi Gilbert Grima****."* (seduta tal-14 ta' Mejju 2012).

6.12 Ladarba m'hemmx prova sodisfacenti li l-vettura giet misruqa, Grima xorta jibqa' solidalment reponsabbli. Dan peress li bhala sid tal-vettura kellu d-dmir li ma jippermettix lil Niko Zammit, li fid-data tal-incident kien minorenni u ghalhekk ma kellux licenzja tas-sewqan u lanqas ma kien xufier awtorizzat taht il-polza ta' assikurazzjoni li kien hemm fuq il-vettura, li jkollu access ghall-vettura Daewoo Racer JUL 153, biex isuqha.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-ewwel aggravju tas-socjeta appellanti.**
2. **Tichad l-ewwel parti tat-tieni aggravju tas-socjeta appellanti[7].**
3. **Tilqa' t-tieni parti tat-tieni aggravju tas-socjeta appellanti u tirriforma d-decizjoni tal-arbitru fis-sens li thassar dik il-parti fejn jinghad: *"B'dan illi Gilbert Grima jigi ezentat minn kull responsabbilta kemm-il darba fi zmien hmistax-il jum min-notifika ta' dan il-lodo, ma jipprezentax kopja awtentikata tar-rapport tal-pulizija li juri ghas-sodisfazzjon tal-Arbitru li r-rapport dwar is-serqa sar qabel id-data u l-hin tal-habta suggett ta' dan l-arbitragg."***
4. **Ghall-kumplament tikkonferma d-decizjoni tal-25 ta' Marzu 2014.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet peress li l-htiega tal-appell inqalghet minhabba dak li ddikjara l-arbitru fl-ahhar paragrafu tad-decizjoni, u li dwaru ebda parti ma kellha tort.**

Anthony Ellul.

[7] Dik li tirrelata ghat-tezi li d-decizjoni hi *ultra petita*.